**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 30/6/194/13

**<u>Minuti tal-Laqgha Nru. 30 tas-Sitt Legislatura</u>**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Ray Attard, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Kunsillier Steve Axisa kien skuzat fuq ragunijiet personali. Il-Vici-Sindku Dominic Grima kien skuzatl. Il-membri tal-Kunsill ma accettawx li l-Vici Sindku jkun skuzat fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg.

**1) <u>Minuti</u>**

**<u>Minuti tal-Laqgha Nru .28 tas-Sitt Legislatura</u>**

**<u>Materji Konnessi</u>**

1.1 - Re: Item 1.2 – **PPP Progress** – Is-Sindku qal li issa li x-xoghol jinsab f'uhud mit-toroq kwazi lesti u jistghu johorgu l-kontijiet biex jekk il-finanzi jippermettu tkun tista' tinbeda t-tieni fazi ta' dan il-progett.

1.2 – Re: Item 1.3 – Is-Sindku staqsa fiex wasalna, il-Kunsillier Axisa qal li ser ikollu laqghat ohra fuq il-website.

1.3 – Re: Item 2.7 – Il-Kunsillier Lynch staqsa jekk il-generator inxtarax, Is-Sindku ikkonferma li dan gie ordnat.

1.4 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

## 2) Korrispondenza

2.1 – Ittra mill-iskrivana Josephine Camilleri. Is Sinjura Camilleri talbet lill-Kunsill biex toghla skala hekk kif hemm previst fil-*collective agreement*. Il-membri prezenti approvaw.

2.2 – Ittra biex tintrama tinda ghal bejgh tal-fjuri mar-roundabout ta’ Sare –Wara diskussjoni il-Kunsill Lokali Paola ddecieda li jitlob il-parir tal-Pulizija minhabba s-sigurta tat-traffiku.

2.3 – Ittra(*claim*) minn Joseph Cini, Paola – Is-Sindku qal li fuq dan il-kas tkellem mal-Avukat tal-Kunsill u dan tah parir biex din il-*claim* tithallas. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jithallas.

2.4 – Ittra ta’ *Screening* mill-Mepa fuq il-progett ta’ Gnien pubbliku f’ Paola Hill Paola. Il-Kunsill approva li jsir il-hlas necessarju fuq dan il-Progett.

2.5 - Ittra mill-MCA biex isir xi tahrig lir-residenti fil-Kunsill. Il-Kunsill approva nem. com.

2.6 – Is-Sindku qal li hemm bzonn jinxtara *white board* iehor ghal-lezzjonijiet ta’ l-Ingliz. Il-Kunsill approva nem. com.

2.7 – Is-Sindku qal li hemm problema bl-gheluq ta’ Gnien Gaddafi, minhabba li dan gieli inghalaq qabel il-hin. Wara diskussjoni sar qbil li ghandu jsir arrangament mac-CCF biex jibda jinghalaq minnhom.

2.8 - Il Kunsillier Muscat semma l-incident bejn il-Kunsilliera Delezio u l-Kantant Renato. Sar kuntatt mal-Kantant Renato u tkellem mal-Kunsilliera Delezio, fejn il-kantant Renato skuza ruhu jekk kien hemm nuqqas ta’ ftehim.

## 3) Tenders

3.1 – Is-Sindku qal li gie kkuntatjat mill-Kunsilli Lokali Fgura, Tarxien u St.Lucia biex isir *pool* biex jinhareg it-Tender tal-*Street Lighting*. Il-Kunsill approva nem. com.

3.2 – Is-Sindku qal li t-Tenders tal-*Bulky Refuse*, *Ironmongeys Supplies*, u *Architect* waslu biex jiskadu. Dawn ghandhom jergghu jinhargu. Il-Kunsill approva nem. com.

3.3 – Is-Sindku pogga ghad-diskussjoni it-Tender tat-Tindif tas-Suq li wkoll wasal biex jiskadi. Wara diskussjoni sar qbil li ghalissa dan ma johrogx. Izda ghandu jsir *supply* tal-ilma mill-Kunsill l-antik biex jekk ikun hemm il-bzonn dan jinhasel, titwahhal CCTV u l-Pulizija u l-gwardjani lokali ser jintalbu biex jissorveljaw is-Suq biex ma jithalliex hmieg.

## 4) EU Projects

4.1 – Is-Sindku spjega fid-dettal il-Progetti li ghandu l-Kunsill u ta wkoll rendikont ta' l-*Ateliers* li ghad baqa' xi jsiru.

4.2 – Is-Sindku issekonkdat mill-Kunsillier Muscat issuggerixxa li l-*Acting Secretary* Kevin Borg jibqa Co-ordinatur tal-progetti ta' l-EU. Is-Sindku qal ukoll li Dr Borg kien ta l-istess opinjoni.

4.3 - L-*Acting Secretary* Kevin Borg accetta u rringrazzja lill-Kunsill kollu. Il-Kunsill approva nem. com.

4.4 – Il-Kunsillier Muscat qal li mid-dehra l-ispiza ghall-istatwa tad-Duluri li kien qed jipproponi li titqieghed fid-dahla tac-Cimiterju tal-Addolorata kienet gholja.

4.5 – Il-Kunsillier Attard qal li huwa ma jaqbilx li xoghol il-Kunsill huwa li jaghmel statwi mal-Lokalita' u ser jastjeni f' kull *issue* ta' din ix-xorta.

4.6 - Il-Kunsillier Muscat qal li l-ispiza biex issir Madonna fi Triq il-Gurbell hija ta' 400 Euro.

4.7 - Il Kunsillier Muscat talab permess biex jerga' jorganizza l-Wirja tal-Gimgha l-Kbira. Il-Kunsill approva.

4.8 – Il-Kunsillier Lynch ppropona li Jum Paola isir fid-19 ta Lulju 2014, ghaldaqstant ghandha tinbghat ittra lill- Ghaqdiet kollha biex jirriservaw dik il-gurnata. Il-Kunsill approva.

## 5) Pagamenti

5.1 – Pagament ma tressqux.

## 6) Aggornament

6.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.30pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha 21 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm.

Approvati llum 21 ta' Jannar 2014

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Kevin Borg | Roderick Spiteri |
| *Acting Secretary* | Sindku |